# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## Seduta numru 22 tas-7 Leġislatura
## Illum l-Erbgħa, 14 ta' Jannar 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 21 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar 2015, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ ta' Sejħiet ta' Offerti
5. Sejħiet ta' Offerti Ġodda
6. Performance Appraisals tal-Impjegati tal-Kunsill u tas-Segretarju Eżekuttiv
7. Ġieħ l-Imġarr 2015
8. Laqgħa tal-Kommunita' 2015
9. Affarijiet Mixxelanji

Din-Seduta, peress li ma tlestix kollha meta msejħa, tkompliet fit-23 ta' Jannar 2015 u fil-11 ta' Frar 2015.

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Elaine Vella kienet assenti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

*Punti mill-Minuti*

*dwar Punt 3.5 :* Ġie rreġġistrat il-fatt li l-ewwel laqgħa ta' taħditiet b' laqta' Mġarrija kienet ntlaqgħat tajjeb u ġibdet attendenza inkoraġġanti.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-MEPA kienet ikkonfermat il-fondi tal-UIF sabiex jintefqu fuq il-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew. Ġie iffirmat ukoll il-ftehim bejn il-MEPA u l-Kunsill dwar dan.

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-approvazzjoni tal-MEPA għall-proġett tal-Via Sagra fit-triq taċ-ċimiterju.

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-kommunikazzjoni tal-gvern dwar proposti ta' proġetti kapitali. Ser issir laqgħa informali bejn il-Kunsilliera sabiex jiġu inividwati proġetti li jistgħu jiġu mressqa.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li fit-30 ta' Jannar 2015 kienet ser issir laqgħa tal-għaqda ta' apikultura fis-sala tal-Kunsill. Id-deputat Sindku Eman Vella attenda għal din il-laqgħa.

## 4. Ftuħ ta' Sejħiet ta' Offerti

4.1 Fl-istess ġurnata tas-seduta, kienet tgħalaq sejħa għall-numru ta' offerti (tenders u kwotazzjonijiet). Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mas-Sindku u 3 Kunsilliera oħra preżenti, fetaħ il-kaxxa tal-offerti. Kienu preżenti wkoll is-Sa. Rita Vella (437162M), is-Sur Alistair Bezzina (409188M) u is-Sur Jonathan Mangion (563088M).

Dawn kienu l-offerti :

**4.1.1.**
**MGR 2014/07 - Forniment ta' Konkos**
Il-Kunsill innota li kien irċieva offerta waħda għal din is-sejħa, jiġifieri dik ta' *Ballut Blocks Ltd.*
Din l-offerta ser titressaq għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**4.1.2**
**MGR 2014/08 - Servizz ta' Sinjali ta' Traffiku u ta' Marki fit-Toroq**
Il-Kunsill innota li irċieva 2 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand
- *Koptasin*
- *B. Grima & Sons Ltd*

Dawn l-offerti ser jitressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**4.1.3**
**MGR 2014/09 - Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff**
il-Kunsill innota li irċieva 4 offerti għall-din is-sejħa, jiġifieri mingħand
- *Jonathan Mangion*
- *Dimbros Ltd*
- *Antoine Fenech*
- *Mary Carmen Gatt*

Peress li il-Kunsill seta' jqabbel faċilment il-prezzijiet ta' din l-offerta, u peress li l-offerti kollha kien teknikament u amministrattivament kompattibli mas-sejħa tal-Kunsill, u peress li Antoine Fenech kien ressaq l-aktar offerta vantaġġjuza, il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' Antoine Fenech sabiex jibda bis-servizz mill-1 ta' Marzu 2015.

**4.1.4**
**MGR 2014/10 - Servizz ta' Tindif fit-Toroq**
Il-Kunsill innota li irċieva 8 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand
- *Saviour Mifsud*
- *Chris Gatt*
- *Owen Borg*
- *Antoine Fenech*
- *Waste Collection Limited*
- *SRF & Veladrians*
- *Christian Galea*
- *Euroclean Waste Service*

Dawn l-offerti ser jitressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**4.1.5**
**MGR 2014/11 - Servizz ta' Ġbir ta' Skart**
Il-Kunsill innota li irċieva 8 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand

- *Chris Gatt*
- *SRF & Veladrians*
- *Euroclean Waste Collection*
- *Alistair Bezzina*
- *Saviour Mizzi*
- *Waste Collection Limited*
- *Antoine Fenech*
- *CA Refuse*

Dawn l-offerti ser jitressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Ta' min isemmi li din is-sejħa ser tiġi evalwata bil-proċess tal-M.E.A.T. (Most Economically Advantageous Tendering).

**4.1.6**
**MGR 2014/12 - Forniment ta' 'Rigid-Fencing' għall-żewġ proġetti**
Il-Kunsill innota li irċieva offerta waħda għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand *Intersteel Fence Ltd.*

Din l-offerta ser titressaq għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**4.1.7**
**MGR 2014/13 - Forniment ta' Railing għall-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew**
Il-Kunsill innota li irċieva 4 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand

- *Andrew Vassallo General Trading*
- *E&L Enterprises Ltd*
- *Edwin Ciantar*
- *Intersteel Fence Ltd.*

Dawn l-offerti ser jitressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**4.1.8**
**MGR 2014/14 - Forniment ta' Għamara tat-Triq għall-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew**
Il-Kunsill innota li irċieva 2 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand

- *Anton Zarb*
- *Micamed Limited*

Dawn l-offerti ser jitressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

**4.1.9**
**MGR 2014/15 - Vann 'Second-Hand' ta' 7 min-nies**
il-Kunsill innota li irċieva żewġ offerti mingħand l-istess kumpanija, jiġifieri *Mosta Auto Dealer*. Iż-żewġ offerti kienu fuq l-istess mudell iżda wieħed kien aktar f' kundizzjoni tajba mill-ieħor.

Peress li din is-seduta, kif irrimarkat fil-bidu, seħħet fuq granet diversi, u peress li kien hemm kumpanija waħda biss li ressqet offerta dwar din is-sejħa, twaqqaf bord ad hoc magħmul mis-Sindku, il-Kunsillier Clayton Gauci u d-Deputat Sindku Eman Vella u bniedem ieħor tekniku (mekanik is-Sur Joe Abela) biex jevalwaw dawn l-offerti. Fil-fatt, dan il-bord ressaq ir-rakkomondazzjonijiet tiegħu matul il-parti tas-seduta li seħħet fit-23 ta' Jannar u il-Kunsill approva li tiġi aċċettata l-offerta ta' Mosta Auto Dealer.

**4.1.10**
**KWOTAZZJONI MGR 2014/K3 - Unit ta' Arja Kkondizzjonata 24,000BTU, 'Cassette** Type'
Il-Kunsill irċieva 3 offerti għall-din il-kwotazzjoni, jiġifieri mingħand :

- *KNK Ltd*
- *Kencar Ltd*
- *Solar Engineering*

Il-Kunsill evalwa it-tliet offerti u ħa pariri tekniċi dwar din il-kwotazzjoni, Għalhekk il-Kunsill sab li l-offerta ta' Kencar Ltd kienet l-aktar vantaġġjuża speċjalment meta wieħed jara il-konsum tal-enerġija tal-AC. Għalhekk, il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' Kencar Ltd.

## 5. Sejħiet ta' Offerti Ġodda

5.1 Il-Kunsill beda' jevalwa il-bżonnijiet tiegħu biex jara x' sejħiet ta' offerti għandu bżonn joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin. Ġew indikati is-servizz ta' tindif u żamma tal-latrini, servizzi professjonali kif ukoll is-servizz tad-dekorazzjonijiet tal-Milied. Ser ikun hemm ukoll il-bżonn ta' offerti relatati mal-proġett tal-Miżuri. Għalhekk din il-lista għandha tiġi konkluża fis-seduta li jmiss.

## 6. Performance Appraisals tal-Impjegati tal-Kunsill u tas-Segretarju Eżekuttiv

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-appraisals taż-żewġ impjegati, is-Sa. Natasha Cassar u is-Sa. Dorianne Mifsud għas-sena 2014. Il-Kunsill iddiskuta dan u wara li analizza l-operat taż-żewġ impjegati matul l-2014, iddeċieda li jagħtu Performance Bonus ta' 6% (massimu) liż-żewġ impjegati.

6.2 Il-Kunsill għadda biex iddiskuta l-appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2014. Il-Kunsill approva li is-Segretarju Eżekuttiv jingħata Performance Bonus ta' 10% (massimu) għas-sena 2014. Is-Segretarju irringrazzja lill-Kunsill f' ismu kif ukoll f' isem iż-żewġ impjegati.

## 7. Ġieħ l-Imġarr 2015

7.1 Kif kien ġa maqbul, ġie ikkonfermat li Ġieħ l-Imġarr kien ser issir il-Hadd 8 ta' Frar 2015, fis-Sala tal-iskola Primarja ta' l-Imġarr.

7.2 Il-Kunsill innota li kien irċieva dawn in-nomini:
- is-Sur Mario Vassallo
- is-Sa. Mary Camilleri
- is-Sa. Sue Schembri

7.3 Wara diskussjoni u analizi tan-nominazzjonijiet, il-Kunsill qabel u approva li jingħata rikonoxximent lis-sur Mario Vassallo u lis-Sa. Mary Camilleri filwaqt li jingħata Ġieħ l-Imġarr lis-Sa. Sue Schembri.

7.4 Fil-kategorija taż-Żgħażagħ, il-Kunsill irċieva dawn in-nominazzjonijiet:
- is-Sa. Anthea Vella
- is-Sa. Mateja Camilleri
- is-Sa. Michaela Galea
- is-Sur Myles Beerman

7.5 Il-Kunsill iddiskuta u analizza dawn in-nominazzjonijiet u finalment approva li jingħata il-premju lis-Sa. Anthea Vella.

7.6 Matul is-serata ser tieħu sehem il-Banda Imperial tal-Mellieħa.

7.7 Il-Kunsill ra ukoll diversi kwotazzjonijiet għall-catering tal-okkazzjoni u aċċetta l-aktar waħda vantaġġjuża, jiġifieri dik ta' Choc au Lait.

## 8. Laqgħa tal-Kommunita' 2015

8.1 Il-Laqgħa tal-Kommunita' għas-sena 2015 ser issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2015, fis-Sala tal-Kunsill. Matulha, ser jiġi ppreżentat ir-rapport amministrattiv għas-sena 2014 kif ukoll l-estimi finanzjarji għas-sena 2015.

## 9. Affarijiet Mixxellanji

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-abbozz ta' Ftehim ta' Aċċettazzjoni għall-Fond ta' Ko-Finanzjament għall-Proġett Cypfire. Il-Kunsill, wara li xtarr dan il-ftehim, qabel unanimament biex dan il-ftehim jiġi iffirmat u

innizzjalta mis-Sur Paul Vella, sindku u is-Sur Cyprian Dalli, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

9.2 Tressqet in-nomina tas-Sa. Sarah Chetcuti bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għall-Imġarr. Dan peress li l-Ambaxxatriċi attwali, is-Sa. Elaine Vella ma setgħetx iżżomm il-kariga minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sa. Vella għall-kontribut tagħha matul l-aħħar sena u approva il-ħatra tas-Sa. Sarah Chetcuti bħala l-Ambaxxatriċi il-ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lill-kampanja 'Vote 16' dwar dan.

9.3 Il-Kunsill iddiskuta u approva numru ta' bozzoz ġodda f' dawn it-toroq :
- Triq Barbara
- Triq il-Fdal Puniku
- Triq Sir Temi Zammit
- Triq il-Qanfud
- Triq il-Ħżejjen
- Triq Ramiro Cali'
- Triq Binġemma
- L-Abatija

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fil-11 ta' Frar 2015 fit-8:10pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015 fil-5:30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku